MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 410/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mark Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Gunju, 2009, ghall-habta tal-15.45 hrs gewwa Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, iggesta xi attivita' kummercjali minghajr licenzja mill-awtorita' regolatorja meta ghamel jew espona ghal bejgh f'post pubbliku xi vettura bil-mutur immarkata bil-kliem ghall-bejgh jew kull kliem li jindikaw l-intenzjoni ndikata hawn qabel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat ir-regolamenti 13 u 53 u Item 05 tat-Tieni Skeda tal-A.L. 1/2006 u l-artikolu 29 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta' €30 ammenda.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata permezz ta' liema l-appellant gie misjub hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu fejn gie wkoll imultat €30, ma ssibx lill-appellant hati ta' l-istess akkuza w minnha tilliberah biex b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti filli l-appellant qatt ma espona ghal bejgh il-vettura in kwistjoni skond kif gie akkuzat kif lanqas ma ggestixxa xi attivita' kummercjali minghajr licenzja tal-Awtorita' billi kull ma ghamel kien illi hareg il-vettura in kwistjoni mill-garage ta' missieru fejn kien iggaraxxjata temporanjament sakemm seta' johrog vettura ohra bl-intenzjoni illi wara li jlesti xi xoghol li kellu fl-istess garage ftit metri biss il-boghod minn fejn kienet tinstab il-vettura jerga' jdahhal il-vettura lura fil-garage.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Therese Sciberras kif ukoll tal-E.O. 13 Albert Sammut li pero' ddepona dwar reati li assolutament m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-akkuza dedotta kontra l-appellant.

Rat il-verbal tal-Avukat Prosekutur li bih iddikjara li qed jaderixxi mar-rikors tal-appell u li l-izball li ttiehed ma kienx da parti tal-Pulizija izda da parti tal-wardens li ntavolaw il-kwerela f'termini zbaljati.

Fic-cirkostanzi ghalhekk jidher li l-appell ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------